**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru: 97/2013 MLF**

**F.M. Promotions Limited**

**vs**

**Classic Group Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€9,945) rapprezentanti profit ta' sitta u sittin Ewro u tletin centezmu (€66.30) fuq kull arlogg minn mija u hamsin (150) arlogg tal-marka 'Ice-Watch' skond ftehim li sar u li gie kkonfermat permezz ta' email datat hdax (11) ta' April 2011.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi l-kawzali u konsewgentement it-talba tas-socjeta' attrici kif kontenuti fl-Avviz fl-ismijiet premessi, huma irritwali u fattwalment u legalment insostenibbli għad illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif rifless fl-email li ghalija ssir riferenza fl-istess Avviz u f'emails ohra li segwew kien u huwa

differenti minn dak li l-istess socjeta qed tinterpreta u tapplika mill-kontenut tal-email imsemmija fl-Avviz.

ii. Illi qari tal-email riferita fl-Avviz fl-ismijiet premessi ma jwassal ghall-ebda gustifikazzjoni ta’ xi hlas ta’ xi ammont indikat u imsejjah "profitt" u għalhekk f’kuntest ristrett tal-kawzali u t-talba kontenuti fl-Avviz, l-istess talba ghandha tigi respinta.

iii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament il-ftehim bejn il-partijiet kien xort’ohra minn dak li qieghda tipprova tasserixxi u tatribwixxi s-socjeta’ attrici ghad illi kollox kien marbut man-numru ta’ nies li kienu ser jixtru l-biljett V-VIP ghad illi l-esposizzjoni għall-finijiet ta’ pubblicita tal-oggett in meritu u cjoe arlogg tal-marka "ICE WATCH" kienet l-kawza tal-ftehim milhuq. Il-mankanza ta’ bejgh tan-numri ta’ biljetti V-VIP previsti u għalhekk tal-esposizzjoni u pubblicita tal-prodott li kienet ghab-bazi u l-kawza tal-ftehim milhuq fissret 1-ineskuzzjoni u l-inadempjenza kuntrattwali ta’ parti tas-socjeta attrici bil-konsegwenza li l-istess socjeta attrici ma tistax titlob dak li kienet intitolata ghalih kienu esegwiet u adempiet l-obbligi kuntrattwali taghha.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Is-socjeta’ attrici tiehu hsieb li tippromwovi attivitajiet relatati mal-Motor Sport. Adrian Figallo, direttur tas-socjeta’ attrici, xehed li f’Gunju tas-sena 2011 kienet qeghda tigi organizzata attivita’ gewwa Ta’ Qali u li ghalhekk is-socjeta’ attrici bdiet tfittex *sponsors*. Spjega li Ramon Cassar ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta

kien wera interess f'din l-attivita' u ghalhekk il-partijiet dahlu f'negozjati dwar dan.[1]

ii. Fil-11 ta' April 2011 Ramon Cassar baghat *email* lil Adrian Figallo li permezz taghha ikkonferma li d-ditta Ice-Watch kienet ser tkun l-i*sponsor* principali tal-attivita' billi tipprovdi 175 arlogg. Din l-email kienet tikkontjeni numru ta' kundizzjonijiet marbuta mal-isponsorship, fosthom lista bil-prezzijiet tal-arloggi, li l-arloggi kellhom jinbieghu bl-istess prezz li kienu jinbieghu mis-socjeta' konvenuta, li ma kellhomx jinghataw skontijiet fuq dan il-prezz. Fl-istess *email* gie wkoll indikat il-mod ta' kif kellha tigi kummercjalizzata d-ditta Ice-Watch.[2]

iii. Adrian Figallo xehed li dak inhar li kellha tibda l-attivita', Ramon Cassar kien qallu li l-prezz mifthiem kellu jitla' minn €32.70 ghal €35 kull arlogg, u li peress li din il-bidla saret ftit qabel ma bdiet l-attivita', s-socjeta' attrici ma kellha ebda triq ohra hlief li thallas lis-socjeta' konvenuta dak il-prezz ghal 175 arlogg. Figallo xehed li s-socjeta' attrici ma rcievitx il-konsenja ta' dawn l-arloggi ghaliex dawn inzammu minn Ramon Cassar stess li waqt l-attivita' kien qieghed mal-bieb u beda jaghti arlogg lil kull min kellu biljett VIP, u jzomm dak il-biljett biex ikollu rendikont ta' l-arloggi li kien qieghed iqassam. Skond Figallo, matul l-attivita' tqassmu 25 arlogg. Wara l-attivita' s-socjeta' attrici kienet talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex tikkonsenjalha l-arloggi rimanenti, u cioe' 150 arlogg, izda s-socjeta' konvenuta irrifjutat li taghmel dan.

iv. Ramon Cassar, Brand Manager mas-socjeta' konvenuta, xehed li l-arrangament bejn il-partijiet kien li s-socjeta' konvenuta kellha tipprovdi 175 arlogg sabiex jinghataw lil kull minn kellu biljett VIP. Xehed li matul it-trattattivi li saru qabel l-attivita', ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu staqsew x'kien ser jigri f'kaz li matul l-attivita' jinbieghu 165 biljett VIP u b'hekk kien ikun fadal 10 arloggi li ma tqassmux. Hu spjega li peress li dan l-ammont ta' 10 arloggi kien wiehed zghir, il-partijiet kienu ftehmu li dawk l-arloggi li ma kienux ser jitqassmu setghet izzommhom is-socjeta' attrici bil-kundizzjonijiet indikati fl-*email* tieghu.

---

[1] Ara l-affidavit ta' Adrian Figallo a *fol.* 16 tal-process
[2] Ara l-email immarkata Dok A a *fol.* 19 tal-process

v. Cassar kompla jixhed li fl-ewwel gurnata tal-attivita' r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu talbuh madwar 8 arloggi zejda u dawn kienu nghatawlhom. Spjega li l-attendenza tal-pubbliku ghal din l-attivita' ma kenitx dik prospettata mill-partijiet tant li din kienet madwar 10% ta' dik imwieghda u b'hekk kienu inbieghu ammont zghir hafna ta' biljetti VIP. Xehed li wara l-attivita' s-socjeta' attrici talbet sabiex tinghata l-arloggi li ma kienux gew imqassma mal-biljetti VIP, izda skond ix-xhud l-i*sponsorhip* ta' dawn l-arloggi kienu marbuta mal-bejgh tal-biljetti VIP.[3] In kontro-ezami x-xhud spjega li wara li spiccat l-event, huwa kien irritorna c-*cheque* relattiv ghal 175 arlogg lis-socjeta' attrici, u s-socjeta' attrici harget *cheque* gdid relattiv ghall-ammont ta' arloggi li kienu tqassmu matul l-attivita'.[4]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob li s-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' €9,945 rapprezentanti profitt li s-socjeta' attrici tallega li tilfet fuq il-bejgh ta' 150 arlogg tad-ditta 'Ice-Watch' fl-ammont ta' €66.30 kull arlogg, u dan stante li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkonsenjalha dawn l-arloggi skond il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet u li huwa rifelss fl-*email* datata 11 ta' April 2011.

7. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta laqghet ghal din it-talba billi ressqet tlett eccezzjonijiet li essenzjalment jolqtu l-mertu tal-kwistjoni u li fihom is-socjeta' konvenuta tghid li l-interpretazzjoni li s-socjeta' attrici qeghda taghti lill-*email* tal-11 ta' April 2011 hija differenti mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet, li din l-*email* ma tindika ebda ammont bhala profitt, u li l-bazi tal-ftehim bejn il-partijiet kien marbut mal-bjegh tal-biljett VIP. Is-socjeta' konvenuta tikkontendi wkoll li l-fatt li l-bejgh ta' dawn il-biljetti VIP kien wiehed ridott tammonta ghal inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' attrici.

8. Mill-atti processwali huwa evidenti li l-kwistjoni ta' bejn il-partijiet nislet mill-fatt li l-partijiet jaghtu interpretazzjoni divergenti ghal ftehim milhuq bejniethom.

[3] Ara l-affidavit ta' Ramon Cassar a *fol.* 43 u x-xhieda tieghu in kontro-ezami a *fol.* 45 tal-process
[4] Ara x-xhieda in kontro-ezami a *fol.* 66 tal-process

9. F'dan il-kaz, il-partijiet ma iffirmaw ebda skrittura sabiex jirregolaw ir-relazzjoni taghhom. Jirrizulta li t-trattattivi dwar il-ftehim saru essenzjalment bil-fomm u dan sakemm Ramon Cassar ghan-nom tas-socjeta' konvenuta baghat *email* datata 11 ta' April 2011 lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, u li permezz taghha kkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet qeghda taghti *sponsorship* ghall-attivita' organizzata mis-socjeta' attrici u dan taht numru ta' kundizzjonijiet. Filwaqt li l-partijiet jaqblu li din l-*email* tifforma l-qafas tal-ftehim ta' bejniethom, hemm kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet hemmhekk indikati.

10. Bhala punt ta' tluq, ghandu jigi osservat li fil-Kodici Civili taghna hemm diversi disposizzjonijiet li jitrattaw il-kuntratti, fosthom dawk li nsibu fl-artikolu 993 li jipprovdi illi "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.*", u l-Artikolu 1002 li jipprovdi li "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.*"

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 gie ritenut li *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."*

12. F'dan il-kaz, is-socjeta' attrici qed tinsisti li l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-socjeta' attrici kellha tipprovdi 175 arlogg tad-ditta Ice-Watch bil-prezzijiet indikati fl-*email* tal-11 ta' April 2011. Skond is-socjeta' attrici hija kellha l-ghazla li jew taghti dawn l-arloggi b'xejn lil kull persuna li kienet akkwistat biljett VIP jew inkella setghet tbiegh dawn l-arloggi bil-prezz indikat fl-istess *email*. Tghid li ghalhekk il-profitt li kienet ser taghmel mill-bejgh ta' dawn l-arloggi kien jirraprezenta l-qliegh li s-socjeta' attrici kellha taghmel ghas-servizz ta' reklamar li hija tat lis-socjeta' konvenuta.

13. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-*isponsorship* li hija offriet lis-socjeta' attrici kien marbut mal-bejgh ta' biljetti VIP, u li ghalhekk hi kienet lesta li tipprovdi dawn l-arloggi ghal prezz ridott ta' €32.70. Id-differenza ta' €66.30 bejn il-prezz offrut lis-socjeta' attrici u l-prezz ta' €99 li bih l-arloggi kienu jinbieghu lil

pubbliku (*recommended retail price*), ma kienx jirraprezenta l-profitt li kienet ser taghmel is-socjeta' attrici izda kien jirraprezenta l-iskont li s-socjeta' konvenuta kienet lesta li taghti lis-socjeta' attrici bhala *sponsorship*.

14. Issa ghalkemm fl-*email* tal-11 ta' April 2011 hemm indikat l-ammont ta' 175 arlogg, ma hemmx indikat li dawn l-arloggi kienu ser jinghataw skond l-ammont ta' biljetti VIP li kienu ser jigu akkwistati ghall-attivita'. F'din l-*email* il-kelma VIP tirrizulta darbtejn. L-ewwel darba fejn is-socjeta' konvenuta offriet li tipprovdi ammont ulterjuri ta' arloggi bi prezz ghola, fl-eventwalita' li s-socjeta' attrici kienet ser tehtieg aktar minn 175 arlogg ghaliex iz-zona VIP setghet tikber.[5] It-tieni darba fejn is-socjeta' konvenuta offriet li tbiegh il-biljetti VIP mill-hwienet taghha.[6] Minn dan isegwi li t-tezi tas-socjeta' konvenuta, li l-provvista da parti taghha ta' dawn l-arloggi kienet marbuta esklussivament mal-bejgh tal-biljetti VIP, ma tirrizultax mill-*email* tal-11 ta' April 2011.

15. Aktar minn hekk, din it-tezi tas-socjeta' konvenuta ma tispjegax ghaliex fl-*email* hemm indikat il-kliem "*Watches if sold have to be sold at a standard RRP price, same price sold at our boutiques...*". Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan il-kliem jista' jfisser biss li s-socjeta' konvenuta kienet qeghda taghti l-opportunita' lis-socjeta' attrici sabiex, jekk hekk jidhrilha, tbiegh dawn l-arloggi. Din l-interpretazzjoni hija msahha mill-fatt li fl-istess *email* is-socjeta' konvenuta taghmel premura li f'kaz ta' bejgh is-socjeta' attrici ma kellha taghti ebda skontijiet fuq il-prezz tas-suq. F'dan l-isfond, din il-Qorti ma tqisx li hija verosimili l-ispjegazzjoni moghtija minn Ramon Cassar meta xehed li tali premura kienet intiza f'kaz li r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu ser jaghtu xi whud minn dawn l-arloggi lill-familjari taghhom.

16. Il-Qorti tqis li wahda mill-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim kien li s-socjeta' konvenuta kellha tipprovdi 175 arlogg u li s-socjeta' attrici kellha l-opportunita' sabiex jekk hekk jidrilha, tbigh dawn l-arloggi indipendentement mit-tqassim taghhom mal-biljetti VIP. Ladarba s-socjeta' konvenuta ma zammitx mat-termini ta' dak minnha pattwit, hija gustifikata l-lanjanza tas-socjeta' attrici li hija sofriet telf ta' qligh minhabba dan l-agir tas-socjeta' konvenuta.

---

[5] Fl-email intuza dan il-kliem: "*If you will need extra watches since V-VIP area might increase we can grant you a one time offer of €75 (Vat included) per watch.*"
[6] Fl-email intuza dan il-kliem: "*We can offer to sell VIP tickets for the event from the following boutiques...*"

17. Fl-affidavit tieghu Adrian Figallo xehed li matul l-attivita' kienu tqassmu 25 arlogg. Is-socjeta' konvenuta ma ndikatx b'mod preciz l-ammont ta' arloggi li skond hi kienu gew imqassma matul din l-attivita'. Skond Ramon Cassar, kienu inghataw "*xi tmien arloggi*" lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, "*xi sitta jew sebgha*" tqassmu fl-ewwel gurnata tal-attivita', "*xi tmienja jew disa'*" fit-tieni gurnata u "*hdax*" fit-tielet gurnata. F'cirkostanzi bhal dawn ikun facli ghal xi parti tghid li ma tafx, jew mhijiex certa, dwar l-ammont ta' oggetti li gew ikkonsenjati. Certament la darba l-konsenja tal-arloggi saret mis-socjeta' konvenuta, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprovdi prova cara u sostanzjali u mhux din is-semplici affermazzjoni approssimattiva tal-impjegat taghha. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li ghandha taghti kredibilita' lill-verzjoni ta' Adrian Figallo li s-socjeta' konvenuta kienet ikkonensenjat 25 arlogg biss.

18. Finalment, fit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet l-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' attrici stante li l-bejgh tan-numri ta' biljetti VIP ma kienx ekwivalenti ghal dak previst. Minn harsa lejn l-*email* tal-11 ta' April 2011, jirrizulta li l-obbligu tas-socjeta' attrici kien li tirreklama d-ditta Ice-Watch bil-mod kif indikat minn Ramon Cassar fl-istess *email*, u ma kien hemm ebda rabta fuq is-socjeta' attrici li tbiegh ammont prestabbilit ta' biljetti VIP.

19. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova t-talbiet taghha li ghalhekk ser jigu milqugha fl-intier taghhom.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta;

    2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disat elef, disa' mija u hamsa u erbghin Euro (€9,945), bl-imghax jibda jiddekorri mis-17 ta' April 2013, data tan-notifika tar-rikors promotur, sad-data tal-pagament effettiv.

3. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**